**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Godwin Scerri]**

**vs**

**Mark Flores Martin**

**Kumpilazzjoni Numru: 984/12**

**Illum, 1 ta' April, 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Mark Flores Martin detentur tal-karta tal-identita` numru 288187M akkuzat talli:

1. Billi hu akkuzat li nhar il-25 ta' Frar 2012 ghal habta tas-6:00am fi triq Mikiel Anton Vassalli gewwa San Giljan, waqt li kien qieghed isuq vettura tal-ghamla Toyota Aygo immarkata MFM-111, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti tieghu jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta'

tharis ta' regolamenti, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Lucienne Pace Gouder, liema hsara hija ta' natura gravi, hekk kif iccertifikat Dr. C Refalo, detentur ta' numru tar-registru mediku 3235 mil-Isptar Mater Dei u dan bi ksur ta' **artiklu 226 (1)(a), artiklu 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

2. Akkuzat ukoll li fl-istess data lok hin, u cirkustanzi saq, ipprova jsuq jew kien fil-kontroll ta' vettura bil-mutur ohra fi triq jew f'post pubbliku iehor waqt li kien ikkunsma tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kienet izjed mil-limitu preskritt u dan bi ksur ta' **artiklu 15B tal-Kap 65 tal-ligijiet ta' Malta.**

3. Akkuzat ukoll li fl-istess data, lok u hinijiet ta' wara l-incident irrifjuta jew naqas li jaghti kampjun mehtieg tan-nifs hekk kif stabbilit taht dan l-artiklu jew regolamenti maghmula taht din l-Ordinanza u dan bi ksur ta' **artiklu 15E (4) tal-Kap 65 tal-ligijiet ta' Malta.**

4. Akkuzat ukoll li fl-istess data, lok u hinijiet qabel l-incident uza jew gieghel jew halla persuna ohra li tuza vettura bil-mutur fit-toroq minghajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riski ta' terzi persuni u skond id-dispozizzjonijiet ta' din l-ordinanza u dan bi ksur ta' **artiklu 3 tal-Kap 104 tal-ligijiet ta' Malta.**

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata ghaxra (10) ta' April tas-sena elfejn u hmistax (2015) fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija kontra l-imputat u cioe`:

1. fl-artikolu 226(1)(a) b'riferenza ghall-fatti imsemmija fl-artikolu 225(1) u l-konsegwenzi msemmijin fl-artikoli 218(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-artikolu 15B(1)(2), 15H(1)(a)(2) u 15I tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. fl-artikoli 15E(1)(4) u 15H(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. fl-artikolu 3(1)(2)(a)(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. fl-artikoli 17, 30(1)(b), 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li nqraw l-Artikoli tal-Avukat Generali l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda netta;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti;

Illi xehed **PS1492 Joseph Pace** fejn qal li fil-25 ta' Frar 2012 gie infurmat li sehh incident stradali gewwa Triq Regjonali fejn kien hemm xi nies feruti. Fuq il-post sab vettura Toyota Aygo bin-numru ta' registrazzjoni MFM111 li kellha daqqa kbira fuq in-naha ta' quddiem li dehret li habtet ma' sigra u spiccat f'nofs ta' triq. Fuq is-*seat* tal-passiggier kien hemm persuna femminili li dehret li kienet feruta gravament. Jghid li kien cempel l-ambulanza u din ittiehdet l-Isptar Mater Dei. Ix-xhud qal ukoll li

x-xufier irrizulta li kien Mark Flores Martin li huwa gharaf fl-awla. Qal li sabu barra l-vettura u deher li ma setghax izomm fuq saqajh u kellu riha qawwija ta' alkohol. L-imputat irrifjuta li jaghmel *breathalyser test*. Kollega tieghu PS928 mar mal-imputat l-ghassa fejn l-imputat rega' rrifjuta milli jaghmel it-*test*. Dr. Carlo Refalo mill-Isptar infurmah li l-vittma kienet f'periklu imminenti ta' mewt. Minn gol-vettura qal li gabar flixkun tal-inbid ahmar li kien mal-art fuq in-naha tal-passiggier u fuq wara kien hemm ukoll tazza tal-inbid. Izid li dan il-flixkun kien vojt. Ix-xhud qal ukoll li l-licenzja tal-imputat kienet ilha maghluqa hamsa u ghoxrin (25) gurnata u l-assigurazzjoni li sab fil-vettura wkoll ghalqet fil-31 ta' Jannar 2012. Meta ccekkja fuq is-sistema kkonferma li l-licenzja tal-imputat kienet maghluqa.

Xehed ukoll **PS 928 Ramon Mifsud Grech** li qal li hu u kollega tieghu nizzlu lill-imputat l-ghassa ta' Tas-Sliema biex jaghmlulu *breathalyser test.* Jghid li gewwa l-ghassa tah il-*caution* quddiem il-kollegi tieghu pero` l-imputat irrifjuta li jaghmel it-*test* fejn baqa' jghid li jrid ikellem avukat. L-imputat gewwa l-ghassa qal li t-tfajla li kienet mieghu fil-vettura jisimha Lucienne. Iltaqa' maghha gewwa Hugo's fejn hadu xi erba' *drinks* u wara marru

jixorbu go appartament San Gwann fejn wara kien ser iwassalha. L-imputa baqa' m'ghamilx il-*breathalyser test* u fl-eba hin ma talab ghall-ghajnuna medika. Ix-xhud jghid li l-imputat qal lill-kollegi tieghu Pulizija li huwa tilef il-kontroll peress li t-tfajla li kienet fil-vettura mieghu nehhiet is-*seat belt* taghha waqt li kien qieghed isuq u nizlet ghall-parti privata tieghu u tfixkel u tilef il-kontroll. Ix-xhud jghid li dan jista' jkun veru ghaliex meta mar ghalih biex jiehdu l-ghassa kellu l-qmis minn barra u z-zip imnizzel. Fuq domanda tad-difiza x-xhud ikkonferma li s-*seat belt* tal-passiggiera kien maqlugh. Huwa jghid li ra l-passiggiera minduda fuq is-seat bid-demm hiereg minn imniehirha u minn halqha u kienet bla *seat belt.*

Xehed it-tabib **Dr. Carlo Refalo** li qal li kien ra lil Lucienne Pace Gouder l-emergenza fejn sab demm madwar il-mohh u rreferiha l-ITU peress li dak il-hin kienet fil-periklu tal-mewt. Id-demm madwar il-mohh irrizulta minn CT scan. Ix-xhud ipprezenta certifikat li gie mmarkat bhala Dok. CR1 (a fol. 102 tal-process) fejn gie indikat ukoll li Lucienne Pace Gouder kienet '*unconscious*'.

Xehed **PC80 Stephen Mercieca** li wkoll qal li sab lill-imputat barra l-vettura u kellu riha qawwija ta' xrob mentri l-passiggiera li dehret mitlufa minn sensieha u bid-demm hiereg minn go halqha. Mal-art fil-vettura jghid li sabu flixkun tal-inbid vojt u fuq wara sabu tazza tal-inbid vojta. Ix-xhud qal li l-imputat kien irrifjuta li jittiehed l-isptar izda wara, meta kien l-ghassa, beda jinzel mal-art u jghid li huwa mugugh u ghalhekk is-Surgent qal li jrid jittiehed l-isptar. Qal ukoll li qaghad ghassa mal-imputat l-Isptar. In kontroezami x-xhud qal li huwa qatt ma mar l-ghassa ta' Tas-Sliema u fil-fatt l-imputat kien qal li mugugh meta wasal l-ghassa ta' San Giljan. In ri-ezami x-xhud ikkonferma li dakinhar il-*breathalyser test* tal-ghassa ta' San Giljan ma kienx qed jahdem.

Fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2013 xehdet il-parte civile **Lucienne Pace Gouder** fejn qalet li ma tiftakar kwazi xejn tal-incident. Tiftakar biss li dakinhar kellha tmur *event* ma' missierha, "*imbaghad minn hemmhekk, the next memory, li mmur lura lejn l-isptar biex inkun naf fejn kont qieghda u nitkellem mal-istaff t'hemmhekk.*" Tghid ukoll li taf lill-imputat izda ma kellhomx

relazzjoni. Tafu ghaliex kienu jkunu fl-istess bar gewwa Paceville pero` ma tiftakar l-ebda avveniment.

Xehed il-**Perit Mario Buttigieg** li esebixxa r-relazzjoni tieghu (Dok. MB1 a fol. 135 et seq) fejn ikkonkluda mill-kalkoli li ghamel illi l-imputat kien qed isuq b'velocita` ta' 62 kilometru fis-siegha. Ikkonstata li skond kalkoli xjentifici sabiex wiehed jitlef il-kontroll f'din it-triq wiehed irid isuq b'velocita` ta' 126 kilometru fis-siegha jew aktar. Ikkonkluda li bil-velocita` li kien ghaddej l-imputat xorta baqa' sejjer dritt u ma kienx kapaci li jikkontrolla l-vettura b'konsegwenza li telghet fuq is-*centre strip*, imxiet tlettax (13)-il metru sakemm habtet ma' sigra u spiccat f'nofs ta' triq. Ikkonstata li ghalkemm l-imputat kien ghaddej b'velocita` permessibbli bil-ligi, il-forza li biha habtet rasha Lucienne Pace Gouder kienet ta' 716,3 N (newtons) u hawn irrimarka li waqt l-access u l-ezami li saret fuq il-vettura hareg li fil-hin tal-impatt Pace Gouder ma kinitx liebsa *seat belt*. Illi l-vettura sofriet hsarat *beyond economical repair*. Minn dan l-incident irrizulta li l-imputat tilef il-kontroll peress li kien hemm fatturi ohra li kienu estrani ghas-sewqan u jidher li dawn il-fatturi setghu waslu ghall-fatt illi ghalkemm ma kienx qed isuq b'velocita` gholja,

huwa xorta tilef il-kontroll tal-vettura. L-espert ikkonkluda li fl-opinjoni tieghu hemm bizzejjed fatti li juru li l-imputat naqas u hemm elementi bizzejjed *prima facie*.

F'dan ir-rapport l-espert nizzel, fost ohrajn, id-deposizzjoni ta' Josette Flores Martin, omm l-imputat, li qalet li l-vettura Toytoa Aygo (MRM 111) hi registrata fuq isimha. Qalet li xrat din il-vettura gdida fis-26 ta' Novembru 2011 u fil-passat l-imputat qatt ma saqha. Hija qalet li s-soltu dejjem tnizzel l-ismijiet tat-tfal taghha fuq ic-certifikati tal-vetturi li kellha u ghalhekk assumiet li din id-darba l-kumpanija assiguratrici ghamlet l-istess u cioe` nizzlet l-ismijiet tat-tfal taghha.

L-espert nizzel ukoll id-deposizzjoni tal-imputat li qal li ltaqa' ma' Lucienne Pace Gouder fil-hamsa ta' filghodu fejn marru l-Gharghur f'post maghruf bhala *top of the world* fejn sab flixkun tal-inbid fil-vettura t'ommu u qaghdu jixorbu l-inbid mill-flixkun. Telqu minn hemm versu s-sitta neqsin ghaxra ta' filghodu fejn kienu sejrin id-dar tal-imputat u meta kien fuq Triq Mikiel Anton Vassalli qal li Lucienne Pace Gouder nehhiet is-*seat belt*, qabdet idejh u poggiethom fuq il-partijiet privati tieghu. Qal

li mbaghad resqet hdejh u ma jafx x'gara iktar. Huwa qal li hija hasditu meta qabdet il-partijiet privati tieghu. Qal li kienu jafu lil xulxin izda qatt ma kellhom relazzjoni intima flimkien. L-imputat qal ukoll li wara l-incident intilef minn sensieh. Meta gie f'sensieh ra lil xi nies jifthulu l-bieba tal-vettura u wara kull ma jiftakar li kien bilqeghda mal-pulizija. Qal li dik kienet l-ewwel darba li saq dik il-vettura li hija registrata fuq ommu u saqha ghaliex l-vettura tieghu kienet bil-hsara u huwa kellu permess biex isuqha. Qal li ma kienx jaf li l-*insurance* tal-vettura ma kinitx tkoprih u lanqas ommu ma kienet tafu dan.

L-espert ha d-deposizzjoni wkoll ta' Dorian J. Vassallo ta' Gasan Mamo Insurance li qal li l-vettura MFM 111 hija registrata fuq Josette Flores Martin fejn hija ghazlet il-polza li tkopri lilha, u cioe` Josette Flores Martin, u kull persuna licenzjata bil-permess taghha u li ghandha hamsa u ghoxrin (25) sena 'l fuq.

Fir-rapport hemm ukoll id-deposizzjoni ta' Lucienne Pace Gouder fejn hija ddikjarat li ma tiftakar xejn. Qalet li lanqas ma tiftakar li ltaqghet mal-imputat u lanqas li marret mieghu gewwa l-Gharghur.

Xehed ukoll **Mr. Antoine Zrinzo** li qal li l-ewwel darba li ra lil Lucienne Pace Gouder kien fl-24 ta' Mejju 2012. Qal li meta hija ddahlet l-Isptar kellha Glasgow coma scale 6 u kellha bzonn tibqa' mqabbda ma' magna fit-taqsima tal-kura intensiva. Fis-7 ta' Marzu 2012 giet trasferita n-*Neurosurgical Ward* fejn kienet konxja u bdiet taghmel progress bil-mod il-mod. Meta raha Lucienne kienet qaltlu li regghet bdiet tahdem fl-ewwel gimgha ta' Mejju 2012. Il-genituri taghha pero` li kienu maghha qalulu li mhuwiex minnu li regghet lura ghax-xoghol. Qalulu wkoll li l-karattru ta' Lucienne nbidel fejn issa tirrabja malajr u taqbzilha malajr specjalment meta xi hadd jikkontrollaha. Lucienne ilmentat ukoll minn ugiegh ta' ras. Qalet li kienet involuta f'incident iehor u ttiehdet l-Isptar izda mir-ricerka li ghamel ix-xhud ma rrizulta xejn minn dan. Ix-xhud jghid li ma kienx hemm *gross neurological deficit* u allura minn hemmhekk ma baqghax jaraha iktar u minflok baqghet taht il-kura ta' *occupational therapist* u *speech therapist.*

Xehed ukoll **Dr. Norbert Vella** li esebixxa rapport immarkat bhala Dok. NV1 (a fol. 239 et seq). Qal li huwa ra lil Lucienne Pace Gouder darba biss u cioe` fl-10 ta' Jannar 2014 fil-klinika tieghu.

Qal li ma kellhiex *physical disability* izda kellha problema residwa ta' memorja u disturbi emozzjonali. Ghalhekk kien ghamlilha *MRI scan* u *neuropsychological assessment* ohra. Mill-*MRI scan* irrizulta li kien ghad hemm tbajja fil-mohh li skont l-istess xhud x'aktarx qed jikkawzaw il-*cognitive problems* li baqalha u forsi anke l-problemi emozzjonali li baqalha. Ix-xhud qal li Lucienne Pace Gouder baqalha *brain scarring*. Huwa qal li jista' jaghti l-kaz li ftit problemi fil-memorja emozzjonali jista' jkunu permanenti u kif ukoll hemm ir-riskju li 'l quddiem tizviluppa *epilepsy* u dan jista' jkun anki snin wara. In kontroezami x-xhud ikkonferma li l-problema fil-memorja gejja mill-*brain scarring*. Illi skont ir-rapport esebit mill-istess xhud huwa kkonstatata li Lucienne Pace Gouder *"has a combined value of 16% impairment of the whole person."*

Xehed ukoll l-espert nominat mill-Qorti **Dr Mario Scerri** li kkonferma r-rapport tieghu esebit a fol. 55 tal-process fejn ikkonkluda li l-abrazjonijiet li sofra Mark Flores Martin kienu ta' natura hafifa u kompatibbli ma' *seat belt injuries* mentri l-lezjonijiet fuq il-persuna ta' Lucienne Pace Gouder kienu ta' natura gravi. Mill-istess rapport jirrizulta li l-livell tal-alkohol, li

nhadem fuq kampjuni li ttiehdu meta l-imputat iddahhal l-isptar, kien ta' 92mm/dl. Dan il-kampjun ma ttiehidtx bil-kunsens tal-imputat.

Xehed l-**Ispettur Godwin Scerri** li fejn qal li fil-25 ta' Frar 2012 gie infurmat li sehh incident serju go Triq Mikiel Anton Vassalli. Qal li meta wasal fuq il-post l-imputat kien diga` ttiehed gewwa l-Ghassa ta' Tas-Sliema biex jiehdu kampjun tan-nifs izda huwa kien irrifjuta li jaghti kampjun lill-Pulzija. L-Ispettur qal li nhar it-13 ta' Marzu 2012 huwa kien baghat ghall-imputat biex jehodlu stqarrija. Huwa nghata d-dritt li jikkonsulta avukat izda ghazel li ma jezercitax dan id-dritt. Qal ukoll li l-polza tal-assigurazzjoni ma kinitx tkopri sewwieqa taht 25 sena u fid-data inkriminata l-imputat kellu biss 24 sena. Waqt l-interrogazzjoni l-imputat qallu li huwa kien tilef il-kontroll tal-vettura peress li Lucienne Pace Gouder kienet messet il-parti privata tieghu waqt li kien qed isuq u ghalhekk baqa' diehel go sigra. Meta mistoqsi jekk kienx fis-sakra waqt li kien qed isuq l-imputat qallu li kien f'sensieh u li rrifjuta l-*breathalyser test* ghax dak il-hin kien imfixkel u ma kienx jaf x'ser jaghmel. Ix-xhud ipprezenta r-rifjut tal-parir legali

(Dok. GS1) u l-istqarrija mehuda fit-13 ta' Marzu 2012 (Dok. GS2).

Fl-istqarrija tieghu l-imputat **Mark Flores Martin** qal li kien hareg ghal xi *drinks* fejn b'kollox kien ha zewg *drinks*. Jghid li kien ma' certu Keith Vassallo li kien tah *lift*. Jghid li mar lura d-dar xi tlieta ta' filghodu. Meta kien id-dar kien fuq *facebook* u Lucy bdiet tkellmu fuq *facebook* fejn ftiehmu li jiltaqghu. Qal li huwa mar ghaliha d-dar taghha gewwa San Gwann u marru l-Gharghur (top of the world). Hemmhekk xorbu ftit inbid ahmar liema inbid kien fil-vettura u allura l-imputat jghid li immagina li kien ta' ommu. Qal li kienu xorbu mill-flixkun. Kienu ilhom hemm ghal xi nofs siegha u kienu qed jitbewsu meta Lucienne qaltlu biex imorru x'imkien u ftiehmu li jmorru d-dar tieghu gewwa Ta' Xbiex. L-imputat qal li qatt ma kien intimu ma' Lucienne qabel. Qal li waqt li kien qed isuq malli hareg mill-mina ta' Regional Road Lucienne nehhiet is-*seat belt*, qabdet il-genitali tieghu u din hija l-ahhar haga li jiftakar. Qal li "*I had a sort of fright at that time.*"

Fuq domanda tal-Ispettur qal li huwa ma kienx xurban u lanqas ma kien fuq xi sustanzi. Qal li lanqas Lucienne ma kienet fis-

sakra. Huwa jghid li ma jiftakar xejn mill-incident: "*I woke up and I remember people trying to open my car door, and then again blank.*" Dwar il-fatt li ttiehed l-ghassa ta' Tas-Sliema ghal *breathalyser test* jghid: "*I remember that more or less.*" Lanqas ma jiftakar li qalulu d-drittijiet tieghu dwar tali *test*. Pero` meta mistoqsi ghaliex irrifjuta milli jaghmel il-*breathalyser test* qal: "*I was under shock.*" Mistoqsi jekk jiftakar allura li staqsewh biex jaghmel dan it-*test* jghid: "*Yes I remember.*"

Xehdet ukoll **Josette Flores Martin** li qalet li kienet ghadha kif xtrat il-vettura Toyota Aygo MFM 111. Hija qalet li ghandha zewg subien u dejjem inxurjathom. Bil-gurament taghha qalet li binha zgur ma kienx jaf li mhux inxurjat ghaliex hija dejjem inxurajt it-tfal taghha u skopriet li l-imputat ma kienx inxurjat meta cemplet lill-kumpanija assiguratrici biex tinfurmahom bl-incident. Qalet li kienet ilha tinxurja lit-tfal taghha minn mindu ghalqu tmintax-il sena. Fuq domanda tal-parte civile x-xhud qalet li l-imputat dejjem kellu l-permess taghha biex isuq dik il-vettura. Fuq domanda tad-difiza hija qalet li l-polza tal-assigurazzjoni kienet dejjem ghamlitha *'any driver over 25 and Michael and Mark Flores Martin'*. Xehdet ukoll li hija dejjem inqdiet '*over the phone'* fejn

meta xtrat it-Toyota cemplet lill-kumpanija assiguratrici u qaltilhom li riedet *"kollox kif kien, imma something happened somewhere."* Hija qalet li l-*policy* iffirmatu izda ma qratux.

Xehed ukoll **Dottor Anton Grech** li qal li Lucienne Pace Gouder qieghda taht il-kura tieghu bhala psikjatra. Qal li hija tbati mnn zewg kundizzjonijiet: ansjeta` wara l-incident li hija kkontrollata b'medicini pero` baqghalha *brain damage* li qed jaffettwa l-memorja u l-koncentrazzjoni taghha fejn ghandha 10% *psychiatric impairement.* Ix-xhud esebixxa rapport li gie mmarkat bhala Dok. AG1 a fol. 286.

Rat illi bhala provi difiza l-imputat ipproduca lil ommu Josette Flores Martin fejn regghet qalet li hija minghaliha li binha kien inxurjat u skopriet li ma kienx wara l-incident meta hija marret thallas €200 sabiex tiftah il-*claim*. Ix-xhud ipprezentat *policies* tas-snin ta' qabel fejn jidher li hija kienet tinxurja wkoll lit-tfal taghha sabiex ikunu jistghu jsuqu l-vettura taghha. Allura tghid li hija kienet ixxukkjata meta saret taf li Mark Flores Martin ma kienx kopert.

Rega' xehed Dr. Mario Buttigieg in kontroezami fejn ikkonferma dak li qal id-difensur tad-difiza u cioe` li mal-liwja gara xi haga li hasdet lix-xufier u imbaghad baqa' sejjer dritt u baqa' diehel fis-sigra minflok mar fil-liwja. Huwa kkonferma wkoll li t-telf ta' kontroll u l-hasda kien "*il-moviment tal-passiggier illi prattikament marret taqbad il-partijiet genitali tax-xufier*." Wasal ghal din il-konkluzjoni ghaliex *"meta ezaminajt sew il-karozza minn gewwa sibt balal xaghar imwahhal mal-mob tal-AC. …semmai jekk inti tkun bilqieghda u tkun minghajr seat belt inti ha tmur 'il quddiem. Wiccek ha jahbat mal-windscreen jew mal-AC pillar u mhux hemm isfel.*" L-espert qal ukoll in kontroezami l-kliem: "*U suppost bhala sewwieq imissu qabad u nehha milli tkompli dan l-avvanz."*

L-imputat ipprezenta nota li permezz taghha esebixxa *case summary* tieghu stess meta gie *discharged* mill-Isptar Mater Dei (Dok. JG1 a fol. 345).

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel akkuza dedotta kontra l-imputat si tratta dwar offiza gravi fuq il-persuna li tkun giet ikkagunata b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.

Fil-kaz odjern ma hemmx dubju li l-vittma, li kienet passiggiera fil-vettura mal-imputat meta sehh l-incident stradali, sofriet griehi li huma ta' natura gravi. Dan gie kkonfermat mit-tabib Dr. Carlo Refalo u anki mill-espert nominat mill-Qorti Dr. Mario Scerri. Apparti hekk il-Prosekuzzjoni gabet sahanistra prova li l-griehi li sofriet il-parte civile Lucienne Pace Gouder mhux biss huma ta' natura gravi izda huma tali li kkagunaw debbulizza permanenti fis-sahha tal-vittma, b'mod partikolari fil-mohh, u dan kif gie kkonstatat minn zewg professjonisti u cioe` minn Dr. Norbert Vella u minn Dr. Anton Grech.

Illi kkonstatat dan il-Qorti ser tghaddi biex tezamina jekk tali griehi gew kagunati minhabba xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni da parti tal-imputat jew inkella nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu jew anki nuqqas ta' tharis tar-regolamenti u

dan waqt li huwa kien qed isuq il-vettura tal-ghamla Toyota Aygo.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal dak li gie kkonstatat mill-espert nominat mill-Qorti Dr. Mario Buttigieg fejn gie stabbilit li l-imputat ma kienx ghaddej b'velocita` eccessiva pero` minkejja dan xorta wahda tilef il-kontroll tal-vettura b'dana illi minflok dar mal-liwja huwa baqa' sejjer dritt bil-konsegwenza li tela' fuq is-*centre strip*, habat ma' sigra u spicca f'nofs ta' triq u dan minghajr ma kien hemm ebda *break marks.* Skont l-istess espert minn dan l-incident irrizulta li l-imputat tilef il-kontroll peress li kien hemm fatturi ohra li kienu estrani ghas-sewqan u jidher li dawn il-fatturi setghu waslu ghall-fatt illi ghalkemm ma kienx qed isuq b'velocita` gholja, huwa xorta tilef il-kontroll tal-vettura.

F'dan is-sens il-Qorti hija tal-opinjoni li dawn il-fatturi estrani setghu kienu l-fatt li l-vittma b'xi mod hasditu meta misset il-parti genitali tieghu jew inkella l-fatt li kien xurban jew inkella t-tnejn flimkien. Liema minn dawn il-fatturi ezattament wassal sabiex l-imputat spicca sejjer dritt go sigra minflok dar mal-liwja

mhijiex ta' rilevanza ghal din il-Qorti ghaliex iz-zewg fatturi fl-ahhar mill-ahhar juru bic-car illi l-imputat kien traskurat u kien hemm nuqqas ta' hsieb da parti tieghu. Fl-ewwel lok kien hemm nuqqas ta' hsieb meta l-imputat ghazel li jsuq wara li kien xorob flixkun inbid mal-vittma. Ma hemmx dubju li d-decizjoni tal-imputat li jsuq wara li kien xorob turi wkoll traskuragni kbira da parti tieghu u anki nuqqas ta' hila fl-arti u l-professjoni tieghu. Jekk min-naha l-ohra l-imputat tilef il-kontroll ghaliex inhasad meta Lucienne Pace Gouder misset il-genitali tieghu huwa kellu d-dmir bhala sewwieq u bhala persuna li ghandu r-responsabbilta` tal-hajja ta' persuna ohra li jwaqqafha minnufih. Il-Qorti tirrileva illi r-raguni migjuba mill-imputat mhijiex affattu plawsibbli u wisq anqas m'hija gustifikabbli. L-imputat bhala sewwieq kellu certu responsabbilta` b'mod partikolari ghaliex kien hemm passiggiera mieghu u ghalhekk il-fatt li ma ghamel xejn biex iwaqqaf lill-parte civile huwa indikattiv ta' nuqqas ta' hsieb da parti tieghu u ta' traskuragni. Il-Qorti tirrimarka illi l-imputat fl-istqarrija tieghu u anki quddiem l-espert nominat mill-Qorti fl-ebda hin ma qal li waqqaf lil Lucienne Pace Gouder u l-fatt li huwa ma waqqafhiex huwa konfermat minn dak ikkonstatat mill-espert Dr. Mario Buttigieg fejn qal li sab hafna xahar fuq is-

*seat* fejn kien l-imputat u fuq il-parti t'isfel tal-AC li huwa indikattiv li l-parte civile fil-hin tal-impatt ma kinitx bilqieghda fis-*seat* taghha. Il-Qorti hija tal-fehma illi sabiex wiehed jinhasad xi haga ghandha tigri f'daqqa bhal per ezempju jekk wiehed qed isuq u xi hadd jaqbad u jaqsam it-triq bl-addocc. Fil-kaz inkwistjoni l-imputat instab mill-Pulizija biz-zipp imnizzel u bil-qmis 'il barra li jfisser *multo magis* li l-imputat kellu c-cans biex jinduna x'inhu jigri u ghalhekk kellu c-cans iwaqqaf lill-parte civile.

Illi ghalkemm jista' kien hemm certa negligenza kontributorja min-naha tal-parte civile certament ma tezonerax lill-imputat mir-responsabbilita' tieghu ta' sewwieq izda din tkun riflessa fil-piena li ser tinghata.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti hija konvinta oltre kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat kellu nuqqas ta' hsieb meta huwa ddecieda li jsuq xurban u kien traskurat meta ma waqqafx l-avvanzi tal-parte civile waqt li huwa kien qed isuq. Kieku kien lucidu kien ikun f'pozizzjoni tajba sabiex iwaqqafha minnufih.

Illi t-tieni (2) u t-tielet (3) akkuzi jirrigwardaw il-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, senjatament l-Artikoli 15B u 15E.

Illi ghar-rigward it-tieni akkuza l-Qorti tinnota li l-Artikolu 15B jirrikjedi prova li l-persuna tkun ikkunsmat tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina jkun izjed mil-limitu preskritt.

Mill-atti processwali jirrizulta illi din il-prova hija mankanti u fil-fatt l-imputat ma ta l-ebda kampjun tan-nifs. In effetti jirrizulta l-livell ta' alkohol minn kampjun tad-demm tal-imputat izda l-Qori tirrileva li l-espert Dr. Mario Scerri ma kellu l-ebda kunsens sabiex jiehu dan il-kampjun intimu u ghalhekk il-Qorti ma tistax tistrieh fuq tali prova.

Illi ghar-rigward it-tielet (3) akkuza, il-Qorti tinnota li l-imputat irrifjuta mhux darba izda dartejn li jaghmel *breathalyser test.* Minkejja dan ir-rifjut da parti tal-imputat, sabiex il-Qorti ssib htija taht l-Artikolu 15E(4) irid ikun gie osservat sudisfacentement dak stipulat fl-Artikolu 15D u cioe` li l-persuna trid tigi avzata li n-nuqqas jew ir-rifjut li taghmel dak mehtieg

huwa reat. Fil-kaz in ezami hemm dubju serju dwar kemm l-imputat inghata d-drittijiet kollha tieghu b'mod partikolari gjaladarba huwa f'dak il-mument kien persuna suspettata. Illi fil-kamp kriminali dan id-dubju serju ghandu jmur favur l-imputat.

Illi r-raba' (4) akkuza dedotta fil-konfront tal-imputat tittratta l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` li l-imputat uza vettura bil-mutur fit-triq minghajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni. F'dan ir-rigward id-difiza ssollevat il-preskrizzjoni stante li l-incident *de quo* sehh fil-25 ta' Frar 2012 u t-timbru li jidher fuq ic-citazzjoni a folio 1 tal-atti processwali jgib bhala data s-27 ta' Settembru 2012. Ghalhekk jirrizulta li din l-akkuza hija preskritta stante t-trapass ta' sitt (6) xhur.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 226(1)(a) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Mark Flores Martin hati tal-ewwel (1) akkuza u tikkundannah ghal piena ta' multa ta' erbat elef ewro (€4,000), filwaqt li tilliberah mit-tieni (2) u t-tielet (3) akkuzi stante nuqqas ta' provi u r-raba' (4) akkuza stante preskrizzjoni.

Inoltre u a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed tikkundanna lill-imputat Mark Flores Martin sabiex ihallas l-ispejjez peritali naxxenti minn dawn il-proceduri u li jammontaw ghas-somma komplessiva ta' elf, seba' mija u tlieta u erbghin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€1,743.54c).

-----------------------------------------
**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**